MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2015

Numru. 104/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Martin Joseph Xuereb**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Martin Joseph Xuereb**, ta′ erbghin (40) sena, iben il-mejjet Anthony Joseph Marius u Carmena Victoria neé Vella, imwieled Awstralja, fit-12 ta′ Frar 1973 u residenti Nru 5, Triq l-Inkurunazzjoni, Blokk Nru 7, Bormla, Malta, detentur tal-Karta tal-Identita′ bin-Numru 509090(M), akkuzat talli fil-lejl ta′ bejn il-25 u s-26 ta′

Settembru 2013 u fix-xhur ta' qabel minn gewwa diversi postijiet f'dawn il-Gzejjer, f'hinijiet differenti:

1. ikkommetta serq ta' ammont ta' diesel liema serq huwa aggravata bil-hin, bil-mezz, bix-xorti tal-haga misruqa, bl-ammont li jeccedi l-ammont ta' elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' diversi persuni;

2. fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Settembru 2013 ipprova jisraq ammont ta' diesel minn gewwa l-gzira ta' Ghawdex liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu;

3. sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) u mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-kawza kienet waslet fi stadju li d-difiza tressaq il-provi taghha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 175) datata 9 ta' Marzu 2015 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 17, 18, 23, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) Artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 279(b), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 279(b), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Artikoli 49, 50, 289(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-18 ta' Marzu 2015 (*a fol.* 176), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fid-9 ta' Marzu 2015 u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet, waqt is-seduta tat-23 ta' Gunju 2015, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u dana wara li saret riferenza ghall-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu (*a fol.* 175), u semghetu jikkonferma tali ammissjoni wara li l-Qorti taghtu zmien ragonevoli sabiex jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, fis-seduta tallum, it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u dana wara li saret riferenza ghall-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 9 ta' Marzu 2015 (*a fol.* 175) u ghaldaqstant l-imputazzjonijiet in kwistjoni gew kollha sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat, il-fedina penali tieghu (Dok. "FA 2" – *a fol.* 6 *et seq.*), li hija wahda refrattarja, il-fatt li l-imputat huwa recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-kontenut taz-zewg dokumenti pprezentati mid-difiza fis-seduta tat-23 ta' Gunju 2015 (Dok. "JG 1" u "JG 2) (fejn il-Qorti tinnota li Dok. "JG 1" huwa bla data) u, sa certu punt, l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu. Il-Qorti tinnota li l-imputat setgha jibbenefika minn piena anqas severa kieku huwa ghazel li jammetti l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu fi stadju aktar bikri ta' dawn il-proceduri u dana qieghed jinghad peress li jirrizulta li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu meta l-kawza kienet waslet fi stadju tal-provi tad-difiza u kienet ilha tinstema ghall-kwazi sentejn. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li m'ghandhiex alternattiva hlief li timponi terminu ta' prigunerija effettiv fil-konfront tal-imputat. Dan qieghed jinghad minhabba li mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li l-imputat, ghal darba wara l-ohra, instab hati ta' serq u, minkejja dan, xorta baqa' jaghmel l-istess reat ripetutament.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 9 ta' Marzu 2015 (*a fol.* 175) b'mod partikolari Artikoli 41(1)(a), 49, 50, 261(b), 261(c), 261(f), 261(g), 263, 267, 270, 271(g) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Martin Joseph Xuereb hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' sentejn prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------